**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 354/10 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Gunju 2003 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal J u M li twieldu t-tnejn fis-27 ta' Jannar 2006. Ic-certifikati relattivi taz-zwieg u tat-twelid tal-minuri imsemmija qed jigu hawn annessi u markati Dok. A, Dok. B u Dok. C rispettivament.

2. Illi minhabba vjolenza domestika, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u adulterju da parti tal-konvenut versu l-attrici, il-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

3. Illi minhabba l-imsemmija tortijiet tal-konvenut, ghandhom ukoll jkunu applikati kontra tieghu d-dekadenzi kontemplati fil-Kodici Civili.

4. Illi fl-ahjar interess tal-minuri dawn ikunu fil-kura u kustodja tal-attrici.

5. Illi l-attrici tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha tigi xjolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-konvenut tad-dispozizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili.

6. Illi l-attrici qed tistitwixxi din l-istanza bis-sahha ta' l-awtorizzazzjoni ottenuta minnha minn dina l-Onorabbli Qorti fil-11 t'Awwissu 2010 (kopja tad-Digriet qed tigi esebita bhala Dok. D).

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti fi vjolenza domestika, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u adulterju da parti tal-konvenut versu l-attrici, il-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tiddikjara u tippronunzja separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja legali tal-minuri fuq imsemmija J u M.

3. Tiffissa u tordna l-hlas ta’ manteniment xieraq ghall-attrici u ghall-minuri J u M b’dawk il-modifiki minnha ordnati.

4. Tikkonferma l-access moghti lill-konvenut permezz tad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 23 ta’ Jannar 2009 (Dok E).

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta’ l-artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u kull komunjoni ta’ propjeta` ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oggetti mobbli u immobbli hekk appartenenti kommunament lill-kontendenti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Qorti in vista, inter alia, tal-pretensjonijiet parafernali tal-attrici likwidati kif mitlub aktar ‘l isfel f’dan l-att, tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formani l-istess komunjoni u tad-data li ghandha tigi stabbilita minn din l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkonsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba, jipproponu pjan ta’ divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha partikolari ossija parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu jew altrimenti huma goduti minnu.

8. Tillikwida l-pretensjoni parafernali tal-attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti u/jew kontra l-gid parafernali tal-konvenut u tordna lill-konvenut ihallas is-somom hekk likwidati anke billi ghall-fini ta’ dina t-talba l-krediti tal-attrici hekk eventwalment likwidati jigu inkorporati fl-iskema tad-divizjoni tal-gid komuni tal-kontendenti.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : fol 84

1. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti ta' lok ghall-firda bejn il-kontendenti jew kien vjolenti jew hati ta' sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u adulterju kif allegat mir-rikorrenti martu. Illi ghalkemm l-eccipjenti ma jopponix ghall-ewwel talba tar-rikorrenti rigwardanti l-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, kienet fil-fatt l-imgieba tal-istess rikorrenti illi wasslet sabiex iz-zwieg taghhom jitkisser irrimedjabbilment u dan minhabba fost ohrajn deserzjoni, eccessi u sevizzi;

2. Illi in kwantu ghat-tieni talba tar-rikorrenti rigwardanti l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti J u Matthias, l-esponenti jopponi ghat-talba tar-rikorrenti biex tali kura u kustodja tigi assenjata biss lill-attrici u dan peress illi tali talba la hi fl-ahjar interess tal-minuri u lanqas ghandha ebda fundament fil-fatt u fid-dritt; anzi, f'dan ir-rigward ghandu jigi kkonfermat id-digriet bin-numru 124/09 moghti fit-23 ta' Jannar 2009 minn din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta u dan limitatament in kwantu l-istess digriet jordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet;

3. Illi in kwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti rigwardanti l-manteniment lilha u lill-minuri, din ghandha tigi michuda in kwantu tirrigwarda dik il-parti illi tirrigwarda l-manteniment lir-rikorrenti u dan peress illi hija ddekadiet minn tali dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri; in kwantu

jirrigwarda l-manteniment ghall-minuri ulied il-kontendenti, dan ghandu jirrifletti il-mezzi limitati li ghandu l-istess rikorrenti;

4. Illi in kwantu ghar-raba' talba rigwardanti l-access supervizjonat moghti lill-intimat skont id-digriet bin-numru 124/09 moghti fit-23 ta' Jannar 2009 minn din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta, l-esponenti jopponi li l-access ghandu jkun supervizjonat fil-bini tal-Agenzija Appogg in kwantu ma hemmx il-htiega u lanqas il-gustifikazzjoni fil-ligi biex ikun hemm tali supervizjoni. Din it-talba tar-rikorrenti hija biss tentattiv iehor da parti taghha biex ixxekkel lill-intimat milli jsahhah u jkompli jibni relazzjoni mal-istess uliedu u ghaldaqstant l-intimat ghandu jkollu access adegwat u xieraq li jippermettilu tali relazzjoni.

5. Illi in kwantu ghall-hames talba tar-rikorrenti rigwardanti l-applikazzjoni kontra l-intimat tal-effetti kollha tal-artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16, din ghandha tigi michuda u dan peress illi m'hemmx lok ghad-dekadenza mitluba mir-rikorrenti u, in oltre, semmai dawn l-artikoli ghandhom jigu applikati kontra l-istess rikorrenti illi kienet hi li naqset mill-obbligi matrimonjali taghha kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;

6. Illi in kwantu ghas-sitt talba tar-rikorrenti rigwardanti t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-esponenti ma jopponix illi l-komunjoni tigi xolta u likwidata b'dan illi l-ewwel ghandu jigi stabbilit ezatt fhiex tikkonsisti tali komunjoni;

7. Illi in kwantu ghas-seba' u t-tmien talba tar-rikorrenti rigwardanti l-assi parafernali taghha u l-likwidazzjoni tal-istess assi, l-esponenti jecepixxi illi kull parti ghandha tircievi lura dak li jirrizulta li huwa propjeta` parafernali taghha, b'dana illi l-attrici ghandha qabel xejn tipprova l-allegata pretensjoni parafernali taghha kontra l-komunjoni li fil-fatt hija kontestata mill-eccipjenti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2010;

Rat in-nota guramentata tal-attrici tad-9 ta' Dicembru 2010;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi permezz ta' rikors kongunt tal-partijiet tas-6 ta' Ottubru 2017 maghmul fl-atti tal-kawza Rikors Guramentat Numru 354/2010 AL fl-ismijiet A B gja D vs C D il-partijiet talbu li l-Qorti tilqa it-talba taghhom sabiex ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 l-ewwel talba tar-rikors guramentat Numru 354/2010 AL tigi konvertita ghal talba ta' divorzju;

Illi permezz ukoll ta' dan ir-rikors kongunt tal-partijiet tas-6 ta' Ottubru 2017 il-partijiet infurmaw lill-Qorti li irnexxielhom jaslu ghal separazzjoni konsenswali u fil-fatt il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom gie pubblikat minn Nutar Jean Carl Debono fit-2 ta' Ottubru 2017;

Ghaldaqstant permezz ta' dan ir-rikors kongunt l-attrici A B gja D irtirat mit-tieni sad-disa' talbiet kontenuti fil-kawza Rikors Guramentat Numru 354/2010 AL, salv ghall-ewwel talba u cioe' id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni tal-partijiet.

Illi kif diga' intqal il-partijiet jixtiequ illi l-ewwel talba tar-rikors guramentat imsemmi tigi konvertita ghal talba ta' divorzju;

Ghaldaqstant il-Qorti rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu laqghet it-talba u ordnat li t-talba ta' separazzjoni tigi konvertita f'talba ta' divorzju ai termini tal-

Artikolu 66 F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u peress illi l-attrici irtirat it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien u id-disa' talbiet kontenuti fir-rikors guramentat taghha Nru 354/2010AL, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet u peress illi permezz ta' digriet datat 25 ta' Ottubru 2017din il-Qorti laqghet it-talba kontenuta fir-rikors kongunt tal-partijiet u ikkonvertiet l-ewwel talba maghmula f'din il-kawza minn talba ghal separazzjoni ghal talba ta' divorzju u peress illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat mahlul peress illi issodisfat il-kriterji kollha tal-Ligi biex tintlaqa din it-talba, il-Qorti qeghda tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.